MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Numru 339/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Saviour Attard ta' 66 sena, bin Emanuel u Josephine nee` Zarb imwieled Birgu fi 12 ta' Novembru 1944 u joqghod 22 Flat 3 Triq il-Foss Birgu detentur tal-karta tal-identita numru 1040244M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta' Lulju 2011, gewwa Rahal Gdid, kif ukoll fl-ahhar tlett xhur qabel dik id-data, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:-

1. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-gzejjer medicina (herojina), bi ksur tad-dispozizzjonijet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanza tali assocjazzjoni;

2. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i, minghajr ma kellu licenza tal-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita moghtija mil-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma ien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruq mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellux licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta'Malta; liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor fejn normalmente jiltaqaw iz-zaghzagh skond l-artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li kienu juru li ma kinitix ghall-uzu esklussiv teighul;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalmente jiltaqaghu iz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtrorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma projbiti skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur ta' artikolu 7(1) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 260, l-artikou 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija u multa ta’ hames mitt euro (€500) fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------